TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT G 2/16/MS

Christie Sammut

vs

Solar Engineering Ltd.

Illum, 27 ta' Mejju 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti Christie Sammut ipprezentata fil-25 ta' jannar 2016 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' miteln Euro li kienet hallset lis-socjeta' intimata bhala depozitu ghall-installazjoni ta' sistema ta' pannelli solari.

Ra illi minkejja id-debita notifika tas-socjeta' intimata fis-26 ta' Jannar 2016 din baqghet ma pprezentat ebda risposta fi zmien utli.

Sema x-xhieda tar-rikorrenti.

Ra l-atti processwali.

Ikkunsidra

Illi rrizulta illi r-rikorrenti thajret tinstalla sistema ta' pannelli solari fit-residenza fejn toqghod u inkarigat l-isocjeta' intimata biex taghmillha konsultazzjoni. Wara li saret konsultazzjoni u l-ingineer spezzjona l-post fern kellhom jigu installati talabha hlas ta' mitejn Euro (€200.00) sabiex tigi assigurata minn xi beneficcju li l-gvern kien qed jippromuovi dak iz-zmien.

Peress illi r-residenza fejn talbet din is-sistema ma kentix taghha u kellha takkwista l-permess minghand missierha u r-residenti l-ohra tal-appartamenti, ir-rikorrenti hallset depozitu ta' mitejn Euro (€200.00) taht il-kundizjoni illi dawna jigu rifuzi jekk is-sistema ma tigix installata minhabba nuqqas ta' permess. Fil-fatt, dan il-permess gie irrifjutat ghax ma kienx hemm qbil, is-sistema ma setghetx tigi installata u ghalhekk talbet il-flus lura, skond il-ftehim originali.

Illi jidher illi s-socjeta' intimata baqghet tirrifjuta u l-hlas ma sarx.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Ikkunsidra

Illi xhieda moghtija mir-rikorrenti hija wahda veritjera u t-Tribunal hija sodisfatta li probabbilment kien hekk li gara fejn allura, stante l-kondizzjoni tal-hlas ta' depozitu, kienet tkun intitolata illi tiehu l-flus lura.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jikkundanna lis-socjeta' intimata illi tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn Euro (€200.00) , ghal ragunijiet fuq imsemmija, bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070